# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 4 ta' Ottubru, 2001**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 1040/95 JF**

**Joseph Ghiller**

**vs**

**Antonia Attard Gialanze**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien esegwixxa xoghol ta' tindif, ghorik ta' "concrete", ta zewg tahlibiet fuq il-"concrete", zebagh nofs it-"tennis court" u spusta l-istatwa ta' San Guzepp, fuq ordni tal-konvenuta, fil-fond numru sittax

(16) Triq Santu Rokku, il-Kalkara / Rikasoli – liema fond huwa maghruf bhala "Red House".

U premess illi ta' dan ix-xoghol l-attur ghandu jithallas is-somma ta' erba' mija u dsatax-il Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm419.75,0), liema somma tinkludi spejjez ta' materjal u t-taxxa mizjuda fuq il-valur (VAT).

U premess li l-konvenuta qatt ma lmentat mal-attur dwar ix-xoghol illi huwa ghamlilha.

U premess illi l-istess konvenuta giet inutilment interpellata thallas dan l-ammont b'ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 1995 izda baqghet inadempjenti (DOK A).

Talab li ghalhekk il-konvenuta Antonia Attard Gialanze ghar-ragunijiet sopraskritti tigi kkundannata minn din il-Qorti thallsu l-imsemmija somma ta' erba' mija u dsatax-il Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm419.75,0).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju 1995 u tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid diga' pprezentati in kawtela ta' din is-somma dovuta qabel din ic-citazzjoni (Dok B u C), bl-

imghaxijiet legali mill-interpellazzjoni ufficjali kontra l-konvenuta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenujta fejn eccepiet hekk:

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-kawza odjerna peress li kien messha giet ipprezentata wkoll minn mart l-attur.

2. Illi x-xoghol in kwistjoni ma sarx skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-Perit Joseph Spiteri (Dok A).

3. Illi m'huwiex minnu li l-konvenuta qatt ma lmentat ma' l-attur dwar ix-xoghol. Fil-fatt hija pprezentat citazzjoni ghad-danni li sofriet minhabba x-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti. Din il-kawza fl-ismijiet inversi giet ipprezentata fis-17 ta' Awissu 1995 u tinsab differita ghad-9 ta' Ottubru 1996 quddiem l-Onor. Imhallef Albert Manche (Cit. Nru. 1087/95 AM).

4. Illi l-attur inkariga persuna mhux ta' hila kif jikkontempla l-artikolu 1037 tal-Kap. 16.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien

mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavits li gewipprezentati mill-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-digrieti moghtija;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat qabel xejn li din il-kawza f'certu stadju bdiet tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru. 1087/95) bid-differenza pero' li fil-kawza l-ohra gie kkjamat fil-kawza Joseph Said in forza ta' digriet datat is-17 ta' Novembru 1997. Mill-bqija l-meritu huwa konness sew.

Mill-provi jirrizulta li Antonia Attard Gialanze kienet inkarigat lil Joseph Ghiller biex dan jaghmlilha xi xoghol ta' ghorik u tindif ta' "swimming pool" u zebgha ta' parti minn "tennis court" u spustar ta' statwa fl-ambjent intern tal-fond bin-numru sittax (16), Triq Santu Rokku, il-Kalkara, liema fond huwa maghruf bl-isem ta' "Red House".

Fil-kors ta' dan ix-xoghol jirrizulta li Joseph Ghiller kien irrakkomanda lil Attard Gialanze il-persuna ta' Joseph Said bhala haddiem li seta' jizboghlha l-pixxina skond kif titlob l-arti u s-sengha. Bhala fatt, kien dan

Joseph Said li esegwixxa l-ewwel xoghol ta' zebgha fil-pixxina u jirrizulta wkoll li in segwitu sehh "leakage", ossija perkolazzjoni tal-ilma tal-"pool", partikolarment sal-livell ta' fejn hemm il-"lighting units" – skond ukoll kif xehed u ccertifika dettaljatament l-Arkitett Joseph Henry Spiteri, ingaggat bhala espert tekniku ex parte minn Attard Gialanze,

Jirrizulta inoltre li l-konvenuta Attard Gialanze in segwitu ghamlet xoghol rimedjali biex jigi eliminat dan it-telfien ta' ilma mill-pixxina u biex din terga' tinzebagh mill-gdid. S'hawn grosso modo huwa pacifiku. Ghall-bqija hemm divergenzi notevoli bejn verzjoni u ohra koncernanti l-fatti.

Attard Gialanze tinsisti li Joseph Said agixxa bhala persuna imqabbda direttament jew sub-appallata minn Ghiller u mhux indipendentement minnu, kif invece isostni Ghiller, korroborat pjenament minn Said stess. Di piu, u f'kull kaz, Attard Gialanze tallega li Said qabad u zebagh il-pixxina kontra l-istruzzjonijiet specifici taghha billi hija tghid li qabel ma tinzebagh il-pixxina, l-ewwel kellha ssir "manutenzjoni" tal-pixxina u tintuza zebgha specjali. Fil-fatt hija tghid li gja' kienet kellmet lil zewg esperti u baqghet maghhom li tikkomunika maghhom meta x-xoghol min-naha ta' Ghiller ikun sar.

Min-naha tieghu Ghiller jissottometti li kull ftehim li sar bejn Attard Gialanze u Said kien ftehim separat minn mieghu – res inter alios acta.

Kien hu li ssuggerixxa li Said jaghmel ix-xoghol taz-zebgha imma dan seta jsir biss wara ftehim milhuq bejnu u bejn Attard Gialanze minghajr izjed involviment min-naha tieghu. Il-kawza tieghu biex il-konvenuta thallsu l-ammont ta' Lm419.75c m'ghandha x'taqsam xejn max-xoghol intrapriz minn Joseph Said, kjamat fil-kawza l-ohra. Il-konvenuta qatt ma lmentat dwar ix-xoghol li effettivament ghamel hu u li kien jikkomprendi wkoll tindif tal-pixxina minn gebel u ingombru iehor. Qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar il-<u>quantum</u> mitlub minnu.

Din il-Qorti, wara li qieset dan kollu u gharblet il-provi prodotti mill-partijiet hija tal-fehma li ghal fini ta' <u>din</u> il-kawza istitwita minn Ghiller, hemm provi bizzejjed li juru li ghalkemm huwa minnu li Joseph Said tfacca in xena fuq rakkomandazzjoni tieghu, madanakollu kemm il-ftehim kif ukoll ix-xoghol intrapriz minn dan Said gie konkjuz bejnu (Said jigifieri) u bejn il-konvenuta Attard Gialanze u li ghalhekk m'huwiex meritu ta' din il-kawza. Jirrizulta wkoll li x-xoghol maghmul mill-attur u ghal liema qieghed jitlob hlas f'din il-kawza bl-ebda mod ma huwa relatat max-xoghol ta' tizbigh li ghamel Said. Jirrizulta fl-ahharnett li kontestazzjoni dwar il-<u>quantum</u> ma hemmx. Illi ghalhekk l-eccezzjoni li x-xoghol <u>de quo</u> ma sarx skond l-arti u s-sengha ma hijiex fondata u lanqas ma tapplika l-eccezzjoni dwar il-<u>culpa in eligendo</u> a tenur ta' l-artiklu 1037 tal-Kap 16.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' nullita' tal-kawza ghax ma gietx istitwita wkoll minn mart l-attur ma jirrizultax mill-atti li kien hemm xi provi jew sottomissjonijiet ulterjuri dwarha. Jirrizulta evidenti li c-citazzjoni hija dwar atti ta amministrazzjoni ordinarja u ma jidhirx li kien hemm tassattivament il-htiega li tigi inkluza wkoll bhala parti fil-kawza mart l-attur. F'kull kaz ukoll, il-ftehim sar ma' l-attur wahdu u x-xoghol minnu biss.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna ghalhekk lill-konvenuta li thallas l-ammont ta' erba' mija u dsatax-il Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm419.75c) lill-attur bl-ispejjez kollha gudizzjarji kontriha kif mitlub, komprizi interessi legali kif mitlub sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md